MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

## GUDIKATUR DR.
## DEMICOLI AUDREY

Seduta ta' 18 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1038/2002/1

**Avviz Numru 1038/02 AJD**
**John Lentini ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Khaled Shehata sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Khaled Shehata**

**vs**

**Manuela Grima**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fiid-19 ta' April, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi is-somma ta' tlett mija u tmienja u sittin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm368.61),, jew somma ohra verjuri, rapprezentanti danni sofferti mill-atturi fl-incident awtomobilistiku tat-18 ta' Dicembru 2000, f'Triq il-Wied tal-Imsida, B'Kara bejn vettura bin-numru tar-registrazzjoni LIL 234 misjuqa mill-konvenuta u l-vettura

bin-numru tar-registrazzjoni JAD 193 misjuqa mill-assikurat Khaled Shehata,prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn,li l-imsemmi ncident gara b'tort unikament tal-konvenuta minhabba mperizja, traskuragni u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha. Bl-imghax u bl-ispejjes, inkluzi Lm6 ta' konsult u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenuta, kontra l-konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuta fejn hija eccepiet li t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti stante illi l-incident 'de quo' sehh unikament tort ta' Khaled Shehata.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' John Lentini, PS 1131, Justin Camilleri, Khaled Shehata u tal-konvenuta. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fit-18 ta' Dicembru tas-sena 2000, fi Triq lil-Wied, l-Imsida bejn vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAD 193 misjuqa mill-attur u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni LIL 234 misjuqa minn Manuela Grima.

Illi l-attur xehed li huwa kien qed jipprocedi fi Triq il-Wied, gej minn B'Kara u sejjer fid-direzzjoni tal-Imsida. Huwa ried jidhol fis-'service road' li hemm hdejn is-'Showroom' tal-Vodafone, huwa xeghel l-'indicator' u meta dahal fis-'service road', sab il-vettura tal-konvenuta hierga ghal fuq it-triq principali u sehhet il-habta. L-attur jghid li huwa kien diga' dahal fis-'service road' u ma seghax jirriversja peress li kien hemm il-vetturi warajh. Huwa jghid li l-vettura tal-konvenuta baqghet diehla fih u laqtitu fuq l-'mudguard' ta' quddiem tan-naha tax-xellug u fuq il-bieba ta' quddiem, fuq in-naha tax-xellug. Huwa qabel mal-posizzjoni tal-vetturi kif indikata fl-iskizz.

Illi l-konvenuta xehdet li hija kienet qed issuq il-vetura taghha f'Valley Road, gejja minn B'Kara u sejra fid-direzzjoni tal-Imsida, hija waqfet mal-genb tat-triq, precizament fil-parti mharbta tat-triq, sabiex tirranga xi haga fil-boot tal-vettura taghha. Meta regghet dahlet fil-vettura taghha u marret sabiex taqla' mill-posizzjoni li kienet waqfet fiha, dahlet il-vettura tal-attur fil-parti ta' quddiem tal-vettua taghha. Hija tghid li f'dan il-mument kienet ghadha fuq il-'first gear' u kienet miexja. Il-hsara fil-vettura tal-konvenuta kienet fuq quddiem, fuq in-naha tal-lemin. In kontro-ezami hija qalet li ma harsitx lejn il-lemin qabel ma bdiet taqla' mill-posizzjoni li  kienet wieqfa fiha peress li ma dehriliex li kien necessarju li tagmel hekk ghaliex kienet ghadha fil-parti mharbta tat-triq u peress li vetturi ohra setghu jigu biss minn fuq it-triq principali sabiex jidhlu fit-triq li kienet fiha hi. L-ewwel darba li hija rat il-vettura tal-konvenut kien fil-mument li huwa dar ghal quddiemha. L-konvenuta qalet ukoll li wara l-habta l-attur qalilha li kien raha qed taqla' izda ma lahaqx ghafas il-brejk.

Illi mill-iskizz jidher li l-impatt sehh fit-tarf tas-'service road', u precizament fl-izbokk bejn it-triq principali u s-'service road'. L-attur kien qed idur ghal gos-'service road' izda kien ghadu parzjalment fuq it-triq principali filwaqt li l-konvenuta kienet ser tipprocedi biex titlaq minn gos-'service road' ghal fuq it-triq principali. L-Artikolu 92 tal-Highway Code jghid hekk:

"At an intersection or junction of a major road and a minor road, traffic on the latter road should give way to traffic on or coming off the major road".

Fil-fehma tat-Tribunal din ir-regola ghandha tapplika wkoll ghal kaz odjern u cioe', l-attur li kien tielaq mit-triq principali u diehel fis-'service road' kellu d-dritta fuq il-konvenuta li kienet ser temergi mill-istess 'service road' ghat-triq principali. Inoltre t-Tribunal jixtieq izid li l-konvenuta kellha l-obbligu li thares lejn il-lemin taghha u taccerta ruhha li ma kienx gej traffiku mit-triq principali, haga li 'ex admissis' m'ghamlitx, qabel ma hija qalghet mill-posizzjoni stazzjonarja li kienet fiha u bdiet miexja sabiex temergi ghal fuq it-triq principali.

Illi l-‘quantum’ tad-danni reklamati mill-atturi ma giex kontestat mill-konvenuta u fi kwalunkwe kaz l-atturi esibew l-ircevuti relattivi sabiex jissostanzjaw it-talba taghhom.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi, filwaqt li jiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident tat-18 ta’ Dicembru 2000, jilqa’ t-talbiet attrici u konsegwenement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta’ tlett mija u tmienja u sittin lira Maltin u wiehed u sittin centezmu (Lm368.61), bl-imghaxijiet legali pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontra l-assikurazzjoni tal-konvenuta kontestwwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenuta skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**